MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru. 1127/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Danny David Doneo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Danny David Doneo ta’ 41 sena bin Rosario u Mary Anne nee’ La Ferla imwieled Awstralja fit-28 ta’ Lulju 1969 u residenti 8, Triq Margaret Murray Naxxar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 119886(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn f'Ottubru 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u oggetti ohra, ghad-detriment ta' Paul Vella detentur tal-karta ta' l-identita' numru 398553(M) u martu Josephine Vella detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 395561(M) u Christopher Lee Gatt detentur tal-karta ta' l-identita' numru 178799(M), ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' is-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u oggetti ohra, ghad-detriment ta' Paul Vella detentur tal-karta ta' l-identita' numru 398553(M) u martu Josephine Vella detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 395561(M) u Christopher Lee Gatt detentur tal-karta ta' l-identita' numru 178799(M) ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz j ew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-24 ta' Awwissu 2011 (inserita a fol. 99 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

a. fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b. fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'
c. fl-artikoli 183, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
d. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-24 ta' Frar 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li li ghandu fedina penali netta kif ukoll ikkunsidrat l-fatt li transazzjoni bejn il-partijiet rrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 183 u 184 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-24 ta' Awwissu 2011 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfonti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-imputat sentejn(2) prigunerija sospizi ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt(6) xhur millum ihallas lil Christopher Gatt is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------